MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 632/2007

**Kumpilazzjoni 632/2007**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**versus**

**Carlo Stivala**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Carlo Stivala iben Carmelo u Maria nee Debono mwieled Attard fis-27 ta' Ġunju 1980 u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 23589 (M) u residenti 18 Martin Court University Heights Msida /Hotel Bayview 143 The Strand Gżira

Akkużat talli nhar il-11 ta' Marzu 2007 għall-ħabta tas-18.32 fi Triq l-Isqof Emanuel Galea ġewwa ż-Żejtun

volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għaraq ħwejjeġ ħaddieħor billi għamel ħsara fuq vettura tal-marka Opel Astra bin-numru tar-reġistrazzjoni JAD 229 liema vettura ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, liema ħsara tiskorri l-ħamsin lira iżda mhxu il-ħames mitt lira għad-dannu tal-mara tiegħu Theresa Marie Stivala bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija l-Qorti ntalbet tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 a favur ta' Theresa Marie Stivala.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat tal-parti allegatament leża tiddikjara li Therese Stivala kienet qed tirtira l-kwerela mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ċivili tagħha.

Rat li l-imputazzjoni hija dwar ħsara lill-karozza li tappartjeni lil mart l-imputat.

Rat l-artikolu 331 tal-Kap 9 li jgħid hekk:

***'Ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 316, 317 u 318, ma hemmx azzjoni kriminali għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ tad-dixxendenti jew tal-qraba bi żwieġ fil-linja tad-dixxendenti, jew tar-raġel jew tal-mara, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna, jew sekwestru tal-persuna.'***

Illi fil-każ odjern, mill-provi li nstemgħu ma tidher ebda prova li b'xi mod għandha x'taqsam mal-artikoli 316, 317 u 318 (ħruq) u lanqas hemm prova ta' xi omiċidju, offiża fuq il-persuna, jew sekwestru tal-persuna.

Ukoll jekk l-imputat qiegħed fi proċeduri ta' separazzjoni, l-allegata vittma tibqa' martu, kemm matul il-proċeduri ta' separazzjoni kif ukoll wara. Ukoll jekk fl-imputazzjoni hemm li l-karozza ma kenitx tal-komunjoni tal-akkwisti, kif

inhu redatt l-artikolu 331 ma jagħmel ebda distinzjoni bejn jekk oġġett hux tal-komunjoni tal-akkwisti jew le.

Isegwi li f'dan il-każ ma tistax issir azzjoni kriminali.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(b) u 331 tal-Kap 9, stante n-nuqqas ta' provi li jorbtu ma' xi eċċezzjoni msemmija fl-artikolu 331, qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------